CLADDING SAFETY Victoria

# Kulħadd irid jagħmel il-parti tiegħu biex nevitaw il-periklu tan-nar

Materjal tal-kisi li jaqbad li jinstab fuq in-naħa ta' barra tal-bini tiegħek ma jfissirx bilfors li l-bini tiegħek hu perikoluż. Madankollu, hekk kif jibda jaqbad, il-kisi li jaqbad għandu mnejn iwassal għall-firxa tan-nar.

Hemm xi ftit passi sempliċi li int għandek issegwi biex tnaqqas ir-riskju tan-nar u żżomm lilek stess, il-ġirien u l-familja tiegħek siguri. **F'każ ta' emerġenza, ċempel 000 (żero tripplu).**



Tpejjipx fil-galleriji



Tużax barbecues fil-galleriji



Taħżinx ċilindri tal-gass fil-galleriji



Ara li l-allarmi ta' kontra d-duħħan ma jkunux mgħottija jew skonnettjati u jkunu ttestjati kull xahar. Biddel il-batteriji tad-disa’ voltaġġ kull sena. Ara għandekx taqleb għall-allarmi ta' kontra d-duħħan b'batterija tal-litjum ta' 10 snin.



Ara li ma jkunx hemm imbarazz u ħmieġ fil-galleriji, fil-kurituri u fir-rotti ta' evakwazzjoni. Ara li jkollok pjan ta' evakwazzjoni.



Żomm il-ħwejjeġ li tilbes u materjal ieħor tal-anqas metru 'l bogħod mill-unit tal-arja kkundizzjonata

VICTORIA

**https://www.vic.gov.au/cladding-safety**